**18 ta' Ottubru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**

Dominic Micallef *pro et noe*

*versus*

Hosni Mohammed Younes *et noe*

**Indipendenza ta' l-Azzjoni Ċivili minn dik Kriminali - Identità tas-Sewwieq - Intervent fil-Kawża**

*In vista tal-fatt li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili huma indipendenti minn xulxin. Qorti għandha tasal għall-konklużjonijiet tagħha a bażi tal-provi li jkunu saru fil-kawża preżenti peress li dawk ikunu l-provi li jkollha quddiemha. Dan anke jekk ikun hemm kontradizzjoni bejn dak li jkunu xehdu uħud fl-azzjoni kriminali u dak li jgħidu f'sede ċivili.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi waqt li l-attur, li kellu miegħu lil martu bħala passiġġier, kien qed isuq il-karozza numru R 3068 minn Triq l-Ifran, il-Belt, fid-9 ta' Jannar, 1980, huwa safa involut f'inċident awtombolistiku mal-karozza numru 88237 misjuqa mill-konvenut li kien ħiereġ minn Triq Nofs in nhar, il-Belt u kkaġuna ħsarat inġenti fil-karozza ta' l-attur u feriti ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta' Rini Micallef u illi dan l-inċident ġara tort unikament tal-konvenut minħabba traskuraġni, imperizja, negliġenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu, talbu: (1) li l-konvenut jiġi ddikjarat responsabbli tal-kolliżjoni in kwistjoni li ġrat tort unikament tiegħu; (2) li jiġu likwidati d-danni sofferti mill-atturi, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti *nominandi*; (3) li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-atturi dik is-somma li tiġi hekk likwidata in linea ta' danni sofferti mill-atturi - bl-imgħax legali mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat ta' impediment tal-partenza ta' l-10 ta' Jannar, 1980, kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' l-intervenut fil-kawża (fol. 8) li biha eċċepixxa illi fil-mument tal-ħabta s-sewwieq tal-karozza 88237 ma kienx il-konvenut imma persuna oħra li ma kinitx koperta skond il-polza tas-sigurtà u għalhekk l-imsemmi Younes ma jistax ikun ħati tal-kolliżjoni u kwalunkwe sentenza ma toperax kontra l-esponent;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' l-istess intervenut fil-kawża (fol. 9), ippreżentata fil-21 ta' Mejju, 1980 li biha eċċepixxa illi l-karozza 88237 ma kinitx assikurata fil-mument ta' l-inċident billi l-persuna li kienet issuqha, ċertu Abubakkar Salem Mohammed, kien persuna taħt il-25 sena u mhux il-konvenut Younes, il-polza kienet tkopri biss sewwieq fuq il-25 sena, u għalhekk id-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront ta' Younes li ma kienx sewwieq u kull sentenza li tista' tingħata kontra tiegħu fuq xi ammissjoni li seta' għamel tiġi ddikjarata li ma tkunx esegwibbli kontra l-intervenut;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' l-Avukat Dottor Antoine Rutter Giappone u l-Prokuratur Legali, Victor Cauchi *nomine*, li biha eċċepew illi huma mhumiex edotti bil-fatti li taw lok għal din iċ-ċitazzjoni u għalhekk jirriservaw li jagħmlu l-eċċezzjonijiet tagħhom fi stadju ulterjuri tal-kawża;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali, Avukat Dr. Paul Pullicino, minnu debitament maħlufa fis-seduta tas-16 ta' Frar, 1984;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

L-atturi qegħdin jippretendu li l-konvenut Hosni Mohammed Younes, filwaqt li fid-9 ta' Jannar, 1980 kien qed isuq il-karozza numru 88237 minn Triq Nofs in nhar, il-Belt, baqa' dieħel tort tiegħu fil-karozza numru R 3068 misjuqa minn l-attur minn Triq l-Ifran, u qegħdin jitolbu li l-istess konvenut jiġi ddikjarat responsabbli għall-istess kolliżjoni u jiġi kkundannat iħallashom id-danni li soffrew, fosthom anke d-danni konsegwenzjali għall-fatt allegat mill-atturi li l-attriċi soffriet *feriti ta' natura* gravi u permanenti. Il-konvenut, li huwa assenti, huwa rappreżentat fil-kawża minn kuraturi li qalu li mhumiex edotti mill-fatti li taw lok għaċ-ċitazzjoni. Il-kumpannija tas-sigurtà, li magħha kienet assikurata l-imsemmija karozza numru 88237, interveniet fil-kawża u qiegħda teċċepixxi li fil-mument tal-ħabta l-istess karozza numru 88237 ma kinitx misjuqa mill-konvenut, iżda minn ħaddieħor - ċertu Libjan Abubakkar Salem Mohammed - li kien ukoll fl-istess karozza u huwa preċiżament dan il-punt - jekk *kienx il-konvenut jew le li kien qed isuq* l-imsemmija karozza - li se jiġi deċiż minn din il-Qorti f'din is-sentenza;

Ikkunsidrat:

L-attur, biex jipprova li kien Hosni Mohammed Younes li kien qed isuq l-imsemmija karozza, qiegħed jistrieħ prinċipalment fuq id-deposizzjoni tiegħu nnifsu. Infatti, l-attur xehed li wara l-ħabta ra persuna ħierġa minn wara l-i*steering wheel* tal-karozza l-oħra (li għandha żewġ bibien) u li din il-persuna marret fuqu u qaltlu biex ma jikkonfondix billi qaltlu li kienet se tħallas. Din il-persuna kienet l-istess waħda li hu identifika fil-kawża kriminali li kienet saret kontra tagħha relattiv għall-imsemmi inċident. Infatti, l-attur qiegħed jistrieħ ukoll fuq il-fatt li l-proċeduri kriminali ttieħdu mill-pulizija kontra l-konvenut u mhux kontra Abubakkar Salem Mohammed u li kien il-konvenut li kien ġie misjub ħati f'dawn il-proċeduri *kriminali*;

Għandu jingħad mal-ewwel li in vista tal-fatt illi l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili huma indipendenti minn xulxin (artikolu 6, Kodiċi Kriminali) din il-Qorti mhix sejra tieħu konjizzjoni tal-proċeduri kriminali. Seta' ukoll ġara illi fl-azzjoni kriminali ġew prodotti ċerti xhieda mentri fil-kawża preżenti ġew prodotti dawk l-istess xhieda u/jew oħrajn u/jew seta' ġara li dak li qal xhud fl-azzjoni kriminali ma jaqbilx ma' dak li qal fl-azzjoni ċivili preżenti. Din il-Qorti għandha tasal għall-konklużjonijiet tagħha a bażi tal-provi li saru fil-kawża preżenti għax dawk huma l-provi li għandha quddiemha;

Minn eżami tal-proċess jidher li minbarra l-attur xehdu żewġ xhieda oħra li jistgħu jagħtu dawl dwar l-identità tal-persuna li kienet qiegħda ssuq il-karozza numru 88237 - P.S. Mario Sant u Paul Buhagiar. P.S. Sant xehed li meta ġara l-inċident kien ġie msejjaħ fuq il-post u sab iż-żewġ karozzi hemm. Huwa tkellem mat-Tuneżin, li kien jafu fuq kwistjoni preċedenti fl-Osborne Hotel, u li kien jaf kien kaptan fuq vapur, u dan qallu li mhux hu kien qed isuq iżda kien qed isuq il-Libjan u fil-fatt fl-okkorrenza li għamel dak il-lejl stess niżżel li s-sewwieq kien il-Libjan. P.S. Sant kompla jgħid li qabel il-kawża kriminali s-superjuri tiegħu kienu bagħtu għalih u qalulu li dak li niżżel hu ma kienx jaqbel ma dak li kienu qegħdin jgħidu t-Tuneżin u l-Libjan. Ix-xhud Paul Buhagiar, li kien kera l-karozza lill-konvenut Hosni Mohammed Younes, xehed li wara l-inċident marru l-Osborne Hotel u kellem lill-persuna li deherlu jismu Younes u li kellu l-kuntratt ta' kiri tal-karozza f'idejh, u dan qal li l-persuna li kienet qiegħda ssuq il-karozza kienet ħabib tiegħu u kien ta' tlieta u għoxrin (23) sena. Dan ix-xhud qal ukoll li qallu li hekk kien qal lill-pulizija;

Ikkunsidrat:

Il-perit legali wasal għall-konklużjoni illi huwa wisq

probabbli li l-konvenut ma kienx qed isuq il-karozza fil-mument ta' l-inċident iżda kien biss passiġġier u li kien hemm tentattiv ta' kollużjoni biex il-polza ta' l-assikurazzjoni tiġi applikata nonostante li l-persuna li kienet qiegħda ssuq kienet taħt l-età ta' ħamsa u għoxrin (25) sena;

Il-Qorti, wara li eżaminat il-provi bir-reqqa, hi tal-fehma li ma jistax jingħad illi l-atturi rnexxilhom jippruvaw, kif inhu obbligu legali tagħhom li jippruvaw, li kien il-konvenut li kien qed isuq il-karozza l-oħra fil-mument tal-ħabta. Id-deposizzjoni ta' l-attur hija kontradetta minn P.S. Sant li ċertament huwa xhud diżinteressat u li ma biddel qatt il-versjoni tiegħu kif imniżżla fl-okkorrenzi l-lejla stess ta' l-inċident u li jinsab korroborat f'dak li jgħid li qallu l-konvenut mix-xhud Paul Buhagiar li jgħid li l-konvenut kien qallu li kien qal lill-pulizija li kien ħabib tiegħu li kien qed isuq il-karozza. Id-deposizzjoni ta' l-attur hija kontradetta ukoll minn dik ta' Buhagiar li qal li wara l-inċident il-konvenut qallu li kien qed isuq ħabib tiegħu u mhux hu;

F'dan ir-rigward il-Qorti tiċċita l-artikolu 598, Kap. 15, li jgħid *inter alia*, li "l-Qorti tista', skond iċ-ċirkostanzi, tippermetti xhieda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali fuq il-meritu tal-kawża, jew ikun jagħmel parti fil-meritu ...". Ma jistax jiġi nnegat f'dan il-każ li dak li qal <u>il-konvenut stess</u> ftit wara l-inċident, sia lil P.S. Sant kif ukoll lil Buhagiar, m'għandux, fih innifsu, importanza sostanzjali fuq il-meritu tal-kawża u anzi jagħmel parti mill-istess meritu;

L-imsemmija eċċezzjoni ta' l-intervenut fil-kawża (fol. 8) għalhekk hija fondata in kwantu tgħid li s-sewwieq tal-karozza 88237 ma kienx il-konvenut. Ma jirriżultax lill-Qorti li l-intervenut fil-kawża ġie interpellat b'ittra uffiċjali għall-finijiet

ta' l-artikolu10 tal-Kap. 165 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta u li għalhekk kien neċessarju għall-kumpannija tas-sikurtà li tintervjeni. Għalhekk ma hemmx raġuni li l-Qorti tiddipartixxi mir-regola ġenerali li l-intervenut fil-kawża ibati l-ispejjeż tiegħu (Prim'Awla, Qorti Ċivili, **Mallia *vs* Sant *et*,** 29.6.81). Jista' jiżdied li fi kwalunkwe każ il-Qorti kienet dejjem tara jekk kienx ippruvat li fil-fatt kien il-konvenut li kien involut fil-kolliżjoni kif allegat fiċ-ċitazzjoni, għandu jingħad illi l-Qorti mhux qiegħda tidħol fil-kwistjoni jekk il-persuna li kienet qiegħda ssuq il-karozza 88237 kinitx koperta bil-polza tas-sikurtà billi din il-persuna mhix parti fil-kawża;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, prevja adozzjoni tar-relazzjoni peritali, tiddeċidi billi tiddikjara li ma ġiex ippruvat li kien il-konvenut Hosni Mohammed Younes li kien qed isuq il-karozza l-oħra numru 88237 fil-mument tal-kolliżjoni u f'dan is-sens tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni ta' l-intervenut fil-kawża u kwindi ukoll tiċħad it-talbiet attriċi. L-ispejjeż tal-kawża, ħlief dawk ta' l-intervenut fil-kawża, għandhom jiġu ssopportati mill-atturi. L-ispejjeż ta' l-intervenut fil-kawża għandhom jitħallsu minnu stess.